# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa

## Minuti

## L-Għaxar Leġislatura

**Laqgħa numru 14**

**5.00p.m 26 ta' Marzu 2025**

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Farrugia | Sindku |
| Is-Sinjura Gloria Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Meilak | Kunsillier |
| Is-Sur Domenic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Scerri | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija**

Il-Viċi Sindku Josef Azzopardi informa li ma setgħax jattendi għal laqgħa.

**Assenti**

Ħadt

**Uffiċċjal Preżenti**

Mariella Strout - Deputat Segretarju Eżekuttiv

Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina, Joseph Scerri ,Dominic Spencer, Joseph Cachia, Anthony Meilak

Deputat Segretarju Eżekuttiv: Mariella Strout

Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

**Is-sindku Luke Farrugia fetaħ il-laqgħa fil-ħamsa ta' fil-għaxija.**

**14.1 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

**14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Is-Sindku ressaq il-Minuti ta' numru tlettax (13) il-laqgħa tal-Kunsill għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel. Għaldaqstant il-minuti ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

**14.2.1** Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku u s-sekondat mil-Kunsillier Gloria Aquilina, il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

**14.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

**14.3.1 Pixxina Indoor Cottonera**

Wara li l-Kunsill informa lill- Sports Malta li huwa nteressat jipparteċipa ġejna nfurmati li l-programm ser ikun offrut b'xejn sa l-aħħar ta Mejju , minn 1 ta' Ġunju l'quddiem trid titħallas miżata ta' 20 ewro għall-grupp ta' għoxrin kull session.

Il-Kunsill ħa nota ta' dan

**14.3.2 Skemi ta' Finanzjament 2025 (it-Tieni Parti)**

Id-Dipartiment nieda t-tieni parti tal-pakkett ta' skemi li jinkludu:

- Espressjoni ta' Interess - Finanzjament Karnival 2026

  (data ta' għeluq 17 ta' Ġunju 2025)
- Fond ta' Manutenzjni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern

  (data ta' għeluq 24 ta' Ġunju 2025 )
- Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom

  (data ta' għeluq 29 ta' Lulju 2025 )

Il-Kunsill approva li japplika

**14.3.3 Rikjest mingħand resident**

Il-Kunsill kellu talbiet mingħand resident rigward:
Jinbidel double yellow line quddiem garaxx għal wieħed single

Isir double yellow line quddiem garaxx fi Triq Simpson faċċata ta' garaxx biex ikun jista' johrog il-vettura. Issir tabella sabiex ma jintefax skart ħdejn il-Knisja ta' Ċejlu.

Din kienet ingħatat risposta fil-laqgħa ta qabel.

**14.3.4 Ġimgħa Mqaddsa 2025**

Ir-Regjun informa lill-Kunsill li wara li saret l-evalwazzjoni mil-bord il-proposta ġiet approvata u l-Kunsill ser ikun qed jiġi allokat €800.

Il-Kunsill ħa nota ta dan u irringrazzja lil Reġjun ta' l-għajnuna.



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

**14.3.5 ECAD Membership 2025**
L-Assoċċjazzjoni hija rappreżentata fuq il-Bord tal-European Cities Against Drugs mill-President. Biex il-Kunsill jissieħeb il-menswalita' hija ta' €125. Il-Kunsilli li jissieħbu jibbenifkaw minn sussidju fuq parteċipazzjoni f'konferenzi, tqassim ta' materjal edukattiv kif ukoll lectures dwar il-ġlieda kontra d-droga.
Il-Kunsill qabel.

**14.3.6 Ramp for wheelchair in Triq Għabex**
Persuna li toqgħod fi Triq Għabex għamlet talba sabiex il-bankina ta' quddiem id-dar tagħha ssir rampa biex ikun hemm aċċess għal wheelchair. Il-Kummissjoni għal Persuni b'Diżabilita' taw is-suġġerimenti tagħhom ta' kif din tista' ssir.
Il-Kunsill qabel li tintalab l-assistenza ta' Technical Officer CRPD

**14.3.7 Proġetti fil-Komunita' Skema 2023**
B'referenza għal fondi li kienu ġew allokati għal proġett tad-Dog Park il-Lesa. Minħabba li l-proġett għadu ma mmaterjalizzax Lesa qed titlob lill-Kunsill tagħti aġġornament dwar dan il-proġett sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa 14 ta' Marzu 2025.
Lesa approvat li l-Kunsill jinagħta estensjoni sa mhux aktar tard minn din is-sena.
Il-Kunsill ħa nota u se jiddiskuti f'iktar dettall waqt din il-laqgħa

**14.3.8 Armar tas-Slaleb fil-Marsa**
Il-Pageant Group qed jitlob ħlas ta' €2000 sabiex bħas-snin preċedenti jarma Triq Nerik Sacco, Triq Isouard, Triq Bajjada bis-slaleb għal żmien il-Ġimgħa Mqaddsa. Dan jinkludu Lifter, slaleb ġodda, cable stad-dawl u floodlights.
Il-Kunsill approva li tingħata għajnuna ta' 50 ewro kull salib sa mhux aktar elf 1000ewro

**14.3.9 Reklam Festa 2025**
Is-Soċjeta Muzikali Trinita' Qaddisa qed jistaqsi jekk il-Kunsill hux interessat jagħmel reklamar li l-ħlas tiegħu huwa ta' 300 u jinkludi reklami fuq il-bnadar, posters u reklami fuq il-midja soċjali li jkunu relatati mall-Festa.
Il-Kunsill approva

**14.3.10 Billboard għal Kiri – Triq Qormi**
Il-Pageant Group informa lill-Kunsill li għandu disponibbli Billboard 6metri b'3 metri li tinsab fi Triq Hal Qormi. Il-Billboard għandu l-permessi neċessarji għalhekk qed joffri lill-Kunsill dan l-ispazju għal €5000 fis-sena eskluża l-insurance li tiswa madwar €700. Is-Sindku tenna li l-qada finanzjarja ma hiex b'saħħita biżżejjed bħalissa għalhekk il-Kunsill ma huwiex f'pożizzjoni li jħallas din l-ispiża. Deputat Segretarju Eżekuttiv qrat il-korrispondenza fejn ġie iċċarat li Peagent Group għandhom spiża ta' 3,000ewro u li jibqa' f'idejhom huma 2000ewro.
Il-Kunsill se jikkonsidra din il-proposta li jaċċetta din l-offerta għal sena f'sfond li l-Kunsill għandu byelaw ta' l-avviżi u jista' jagħmel użu minnha biex jagħmel il-qligħ matul din sena. Il-Kunsilliera Joe Scerri u Joseph Cachia għalkemm jaqblu mal-kunċett astjena min din deċiżjoni minħabba sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill bħalissa.

**14.3.13 Permission for filming activity in Marsa**
Il-Kumpanija Malta Film Tours qed titlob permess mill-Kunsill sabiex isir filming fi Triq is-Salib tal-Marsa u Xatt il-Mollijiet nhar il-15 u 16 ta' April 2025.
Il-Kunsill qabel li jiltaqa' mal-production team u tintalab kumpens iktar milli dak li ġie offrut.

**14.3.14 Wirja Gimgħa l-Kbira**
Il-Kummissjoni Trinitarji fi ħdan is- Soċjeta' Mużikali Trinita' Qaddisa qed jitolbu 300 bħala għajnuna sabiex tittella' l-wirja li ser issir fis-Sala Anton Cassar.
Il-Kunsill approva

**14.3.15 Espressjoni ta' Interess – Tagħna tfal skema ulied il-Kunsilliera**
Id-Dipartiment nieda skema ta' għajnuna finanzjarja għas-servizzi ta' kura tat-tfal (childminding ) waqt Laqghat statutorji tal-Kunsill.
Il-Kunsill qabel li ma japplikax

**14.3.16 Rikjest min KPMG minħabba periklu mill ħruġ tal- car park tal-kumpanija f' Triq Xwieni / Aldomoro**
Il-Kumpanija KPMG infurmat lill-Kunsill li qed ikollhom problema biex il-ħaddiema tagħhom joħorġu minn ġol- car park li huwa privat. Dan minħabba li qed ikun hemm diversi inċidenti għalhekk talbu li jsiru: mera, u tabella li tindika li hemm *car park, road humps, slow signs* kif ukoll *zebra crossing.*
Il-Kunsill tenna li Kumpanija KPMG tħallas hija għal l-ispiża tal-mera. Issir verifika dwar ir-ramps ma TM għax diġà hemm oħrajn fl-istess triq

**14.3.17 Laqgħa tal-Kumitat tat-Tismija ta' Toroq ġiet**
Fl-aħħar laqgħa tal-Kumitat tat-Tismija ta' Toroq ġiet aċċettata l-proposta tal-Kunsill li triq li għadha mingħajr isem tingħata l-isem ta' Triq il-Karristi. Talbu ukoll lill-Kunsill jibagħat il-proposti li ġew diskussi waqt il-laqgħa dwar Misraħ is-Santissima Trinita' u Triq Marija Reġina sabiex terġa ssir it-talba formali.
Il-Kunsill ħa nota li proposta tal-Kunsill ġiet aċċettata u ser jiddiskuti f'iktar dettal dwar ismijiet oħra f'item waqt din l-istess laqgħa

**14.3.18 Rikjest mingħand entita sabiex tagħmel attività ta' bl-Inizjattiva li jinzertaw siġar.**
Din il-kumpanija għandha xi klijenti li jixtiequ jagħmlu attività' fejn jitħawlu xi pjanti fil-Lokalita'. Għalhekk qed jistaqsu l-Kunsill sabiex jindika zona fejn dan jista' jsir.
Il-Kunsill għandu bżonn iktar informazzjoni

**14.3.19 Invoice – Attivita' ftugh tad-Day Care Centre**
Il-Kunsill irċieva invoice mill-kumpanija ICAN li tmur lura għal attività' li kienet saret waqt il-ftuħ tad-Day Care Centre. Sar komunikat mas-Segretarju Eżekuttiv preċedenti fejn infurmana li l-ftehim kien li l-invoice trid titħallas mill-OPM peress li l-affarijiet kellhom isiru skond il-Protocol. Wara li sar komunikat ma l-OPM ġejna nfurmati li ġa la darba l-attività' kienet organizzata mill-Kunsill u l-Prim Ministru ġie mistieden din trid titħallas mill-Kunsill.
Il-Kunsill ħa nota u jistenna risposta mingħand OPM

**14.3.20 Smiling with Jerome Easter Surprise to vulnerable kids**
Il-Fundazzjoni Smiling with Jerome tgħin familji li għandhom tfal morda, b'diżabilta, bżonnijiet speċjali jew mard rari. Fil-preżent qed jieħdu ħsieb 196 tfal u l-aħwa tagħhom. Din is-sena ħasbu biex jagħtuhom Easter Egg, għalhekk qed jistaqsu jekk il-Kunsill jixtieqx jgħin żewġt it-tfal li huma mill-Marsa.
Il-Kunsill approva li jgħin.

**14.3.21 Marsa -Attività 4ta' Lulju**
Proposta sabiex il-Kunsill jorganizza bbq id-data tkun 4 ta' Lulju – prezz ikun ikkomunikat skond kemm ser ikun hemm ammont ta' nies.
Il-Kunsill iddiskuta il-proposta u ġie deċiż li toħroġ espressjoni ta' interess lil stabbilimenti tal-catering u restoranti fil-lokalita sabiex issir attività b'ikel varjat .

**14.3.22 Ħlasijiet tal-kontijiet ta' l-ilma u Elettriku fl-Uffiċċju tal-Kunsill**
Ansek qed titlob aktar informazzjoni konkreta minn AKL qabel ma l-Kunsilli jibagħatu d-deċizjoni tagħhom fuq ir-rigward. Il-President tal-Ansek semma diversi punti li l-Kunsilli iridu jikkunsidraw qabel ma tittieħed deċiżjoni.
Il-Kunsill jixtieq iktar informazzjoni. Ma jistax joffri dawn is-servizzi mingħajr għajnuna addizzjonali u kumpens

**14.3.23 Restawr tal-Statwa tal-Madonna**
Il-Kumitat ta' l-Għaqda Storika Kulturali Marsa qed isaqsi lill-Kunsill f'hiex wasal ir-restawr tal-Madonna tal-Kunċizzjoni li kien hemm fil-faċċata tal-Knisja ta' Ċejlu.
Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat li restawratur ġie ikkuntattjat sabiex jagħti rendikont ta' f'hiex waslu xogħolijiet fuq l-istatwa. Huwa spjega li qaxxar iż-żebgħa sa fejn setgħa u ta' l-opinjoni li istatwa tibqa fuq il-ġebla minflok tingħata il-kulur. Huwa bagħat ir-ritratti ta' xogħol li kien sar.
Il-Kunsillier Domenic Spencer qal li l-istatwa kien ġie approvat fil-leġislazzjoni preċedenti li titpoġġa faċċata fejn hemm il-pompi tal-petrol iżda issa minħabba il-proġett tal-GHRC trid titpoġġa post ieħor.

**14.3.24 Armar għal żmien ir-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa**
L-Għaqda nfurmat lill-Kunsill li s-sena l-oħra taw bidu għal proġett biex jinħadmu sett slaleb għal Triq Balbi għal żmien il-Ġimgħa l-Kbira. Huma qed juru x-xewqa li l-Kunsill jgħin biex dan il-proġett ikun jista' jitkompla.
Il-Kunsill approva li tingħata għajnuna ta'50 ewro kull salib sa mhux aktar elf 1000ewro

**14.3.25 Akkademja Mużiko Letterarja fl-okkażjoni tal-50 sena mit-twaqqif tal-Għaqda tagħna** L-Għaqda Festi Esterni Ssma Trinita' din is-sena ser tiċċelebra l-50 sena mit-twaqqif tagħha. Għalhekk ser jorganizzaw Akademja Mużiko Letterarja u qed ifittxu msieħba li jgħin biex jitkoprew parti mill-ispejjeż. Jekk il-Kunsill jixtieq jappoġġja lill-għaqda l-għajnuna ser tkun rikonoxxuta f'materjal stampat għal din l-attività'. Il-Kunċert ser ikun b'xejn għal pubbliku.
Il-Kunsill approva li jimxi bl-istess mod ta' meta kienet saret okkażjoni simili.

**14.3.26 Rikjest għal disabled Communal parking Bays.**

Resident għamel rikjest sabiex issir communal parking. Il-Kunsill id-iddiskuta din it-talba u ma qabilx li ssir disabled communal parking bay. Ir-resident għandu jiġi nfurmat li jekk huwa eliġibbli japplika għal personalized disabled parking.

**14.3.27 Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali -Sistema tal-Ħlasijiet tal-Kontijiet**

L-Assoċjazzjoni ġiet avviċinata mill-Arms sabiex il-kontijiet tar-residenti jibdew jitħallsu fil-Kunsilli Lokali. Jekk il-Kunsill huwa nteressat għandu jirreġistra

Il-Kunsill jixtieq iktar informazzjoni. Ma jistax joffri dawn is-servizzi mingħajr għajnuna addizzjonali u kumpens

**14.3.28 Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali -Sistema ta' Ġbir ta' Karti ta' l-Identita'**

L-Assoċjazzjoni ġiet avviċinata minn Identita' sabiex il-karti tal-identita' jibdew jinġabru mill-Kunsilli rispettivi. Jekk il-Kunsill huwa nteressat għandu jirreġistra.

Il-Kunsill jixtieq iktar informazzjoni. Ma jistax joffri dawn is-servizzi mingħajr għajnuna addizzjonali u kumpens

**14.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**14.4.1** Il-Kunsillier Domenic Spencer talab sabiex terġa issir laqgħa mal Kummissarju tal-Pulizija . Il-Kunsill qabel.

**14.4.2** Il-Kunsillier Joe Scerri staqsa jekk kienx hemm żviluppi wara laqgħa li saret ma DLG f'27 ta' Frar 2025 rigward il-ġbir u rimi ta' demel ta' żwiemel madwar il-korsa. Id- Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat li kienu tqassmu l-aħħar lot ta' bins u issa qed jistennew approvazzjoni sabiex jinxtraw 50 bin ieħor u żewġ skips sofor sabiex jintrema il-clinical waste. L-istima ta' dawn il - bins m'għandiex tkun aktar minn 3,000 ewro excl.VAT. Is-Sindku tenna li fil-jiem li ġejjien kienu ser jitwaħħlu cctv cameras fejn bħalissa jinstabu li skips. Huwa sostna li għandu laqgħat mal-Dipartiment ta' l-Ambjent sabiex jintlaħaq ftehim rigward il-post ta fejn se jintrema id-demel. Sindku propona li jitwaħħlu bollards fil-post fejn hemm l-open-skips bħalissa.
Il-Kunsill qabel u approva li jinxtraw 50 bin u żewġ skips oħra

**14.5 Rapporti**

**14.5.1 Kwotazzjoni uniformijiet għal ħaddiema tal-manutenzjoni**.
Deputat Segretarju Eżekuttiv rapport tal-kwotazzjonijiet li kien u nġabru.
Wara li Kunsill għamel il-kunsiderazzjonijiet tiegħu ġie deċiż li għalissa jinxtraw *high visibility vest* bl-għarma tal-Kunsill.

**14.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagament**

Is-Sindku ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 03/25 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

**14.6.1** Wara mozzjoni mressqa min proponent Kunsillier Anthony Meilak u sekondat Kunsillier Domenic Spencer il-kunsill approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti.

**14.7 Item: Kanċellazzjoni ta' tender Gwann Mamo Playing Field KLM 05/24**

Is-Sindku nforma li Tender sabiex jinxtara apparat għal playing field kellu jiġi kanċellat peress li wara li kellu ma Infrastructure Malta infurmaw li kienu ser jagħmlu interventi f'zona u il-playing field kienet ser tinbena mill-ġdid. Peress li fondi għal dan l-apparat kienu marbutin ma skema tal-Gvern lokali, intalbet estenssjoni tal-proġett. Id-Dipartimemt approva l-estensjoni minħabba iċ-ċirkostanzi, id-dipartiment talab iktar informazzjoni riġward timeframes tal-proġett.
Il-Kunsill qabel mal-kanċellazzjoni tal-proġett u irringrazzja li Divizjoni ta' l-Ġvern Lokali ta' l-għajnuna

**14.8 Item: Iffirmar ta' MoU ma l-AWAS**

Il-Kunsillier Domenic Spencer spjega li kien attenda għal-laqgħa ma l-AWAS. Waqt din il-laqgħa ġie diskuss il possibilta li issir użu temporarju mill il-kmamar numru 4,5 u 6 li jinsabu ġewwa l-ex Open Centre, Marsa sakemm jinbeda l-proġett. Ir-responsabilta' ta' dawn il-kmamar tkun esklussivament tal-Kunsill lokali tal-Marsa anke jekk jintużaw minn terzi.
Min naħa tagħhom l-AWAS aċċetaw din il-porposta u lesti jidħlu f' MOU mal-Kunsill.
ta' l-għajnuna u l-koperazzjoni.
Il-Kunsill irringrazja lil AWAS u lil Ministru Hon. Byron Camilleri għal din l-opportunita u approva li jiffirma MOU rigward l-użu temporanju tal-kmamar li jinsabu ġewwa l-Marsa Information Hub.
Il- Kunsillier Domenic Spencer fakkar li Korsijiet tal-Bini tal-Presepji bejn nhar il-Ħamis 3 u l-Ħadd 6 t'April 2025.

**14.9 Item: Terminazzjoni tal-Kuntratt Servizz Bulky Refuse u approvazzjoni ta'kuntratt ġdid**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat illi kuntrattur li kien rebaħ il-kuntratt sabiex jagħmel is-servizz tal-Bulky Refuse kien ser jittermina il-kuntratt. Minħabba din iċ-ċirkostanza, l-operatur li klassifika warajħ f'tender ġie ikkuntattjat u nfurmat jekk kienx ser jaċċetta li jagħti dan is-servizz. Huwa konferma permezz ta' email li ma kien ser jaċċetta. Għalhekk saret kommunikazzjoni ma tielet kuntrattur eliġibbli Simply Clean Ltd fejn ikkonferma li aċċetta li jagħmel dan is-servizz. Intlaħaq ftehim sabiex is-servizz jingħata 3 darbiet fil-ġimgħa . Dan il-ftehim huwa permess bil-kundizzjonijiet ta' tender.
Il-Kunsill ħa nota ta' dan l-izvillup u approva l-operatur il-ġdid

**14.10 Item: Proġett riġenerazzjoni Marsa zona Trinta**

Is-Sindku, wara mistoqsija li kienet saret mil Viċi Sindku informa li tmexxija hija disponibbli sabiex turi l-andament tal-proġett lil Kunsill.
Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa b'hekk jintwerew il-pjanijiet prosposti għal dan il-proġett

**14.11 Item: Skema LESA -Applikazzjoni sabiex issir Dog Park**

Is-Sindku nforma li LESA kienet approvat li fondi għal dan il-proġett jiġi estiż. Huwa kien qed jipproponi li dan il-proġett issir f'zona fejn hemm il-ġnien 6 ta' Awissu. Il-ħsieb huwa li dan iz-zona issiru proġetti oħra bħal *outdoor gym* u bandli dan apparti *id-dog park.* L-ispiża biex issir dan il-proġett jistaw jiġu utilizzati fondi mid Development Project Fund ta' Awtorita ta' l-ippjanar.
Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**14.12 Item: Performance Bonus -Xufier tal-Kunsill**

Deputat Segretarju infurmat li xufier tal-Kunsill kien staqsa dwar il-performance bonus. Skont korrispondenza li bagħat il Viċi Sindku jidher li Dipartiment tal-gvern lokali kien informa lil Segretarju Eżekuttiv preċedenti kif għandu proċeduri ta' l-ingaġġ ta' xufier. DLG kien bagħt

ukoll templates tal-kuntratt. Ix-xufier qed jsostni li qatt ma ingħatalu kuntratt u lanqas informazzjoni dwar jekk hux eliġibbli għal performance bonus.
Il-Kunsill qabel li tintalab l-assistenza ta' DLG dwar jekk il-persuna tistax tingħata il-performance bonus.

**14.13 Item: Bdil ta'Ismijiet ta' toroq**
Il- Kunsillier Domenic Spencer spjega il-proposti li presenta il- Kumitat għat-Tismija tat-Toroq

- Proposta Misraħ is-Santissima' Trinita' –

Il-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq ta' suġġeriment li issir proposta ġdida skond il-pjanta hawn taħt:



- **Proposta Triq Marija Reġina**

Il-Kunsill kien talab li Triq Nerik Sacco minn Triq Hal Qormi sa Triq Azzopardi tissemma' Triq Marija Reġina. Il-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq ta' suġġeriment li issir proposta ġdida fejn tiġi estiża sa Triq il-Jum kif indikat fil-pjanta hawn taħt;



- Ġie ssuġġerita ukoll li parti minn Triq Bajjada tiġi msemmija **<u>Triq Nerik Sacco</u>** kif indikat fil-pjanta hawn taħt:



Il-Kunsill qabel ma dawn il -proposti .
Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina, Joseph Scerri ,Dominic Spencer, Joseph Cachia, Anthony Meilak

Deputat Segretarju Eżekuttiv: Mariella Strout

Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

**14.14 Item: Laqgħa Annwali -Rapport Amministrattiv 2024**

Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat skont Kap 363 Artiklu 70 il-Kunsill obligat li jsejjaħ (b) laqgħa annwali oħra sa mhux aktar tard mill-ħmistax (15) ta' April ta' kull sena fejn fiha jippreżenta rapport amministrattiv, ir-rapporti finanzjarji u l-Pjan ta' Ħidma.

Il-Kunsill qabel li laqgħa ta' Rapport Amministrattiv u rapport ta' ħidma ta' Sindku u Kunsilliera issir nhar it-Tlieta 15 ta' April 2025.

**14.15 Item: Diversi xogħolijiet**

**Is-Sindku prezenta lista ta' xogħolijiet li kien hemm bzonn issiru madwar il-lokalita:**

- Shelter f'Triq Santa Rita – Il-kunsill approva li tintalab l-għajuna ta' Ħeritage sabiex issir tindif meħtieġ u lil WSC sabiex tisolva il-problema ta' dranaġġ
- Turġġien jinbidlu f'rampa f'Marsa Rd. Kunsill qabel
- Jinxtraw CCTV cameras li jaħdmu bil-paneli solari dawn huma irħas
- Proposta sabiex ir-residenti tal-Marsa jingħtaw servizz ta' tisswija tal-komputers- Il-Kunsill qabel li jinġabu il-kwotazzjonijiet

**Sinjali tal-parkeġġi**

- Triq Simpson quddiem l-uffiċċju Salamone Office
- Triq il-Pitkali -Triq kollha
- Triq il-Jum -Triq kollha
- Triq is-Sliem u Triq is-Sebħ – it-triq kollha
- Xatt il-Mollijiet
- Aġustamenti Triq Saura

**Xogħolijiet minuri**

Ħadida Triq Antio Duble
Mera Triq Azzopardi ma Triq San Mikiel
Mera Triq Santa Rita
Bin tal klieb Triq is- Sliem Housing Estate - Skema CMD
Bin tal klieb triq il pitkali- Skema CMD
Jinxtraw Ashtrays – Skema CMD
Jitwaħħlu bollards min flok l-open skips fejn qed jintrema demel

**14.16 Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm

**14.17 Tmiem il-Laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fis-9.10pm u ġiet aġġornata għal Tlieta 15 ta' April 2025 fl-5.00 pm fil- bini amministrattiv tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| Luke Farrugia | Mariella Strout |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina, Joseph Scerri ,Dominic Spencer, Joseph Cachia, Anthony Meilak

Deputat Segretarju Eżekuttiv: Mariella Strout

Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*